**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 05/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 12/07/'12 288**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 12/07/'12 343**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Alexander Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-6 ta' Lulju 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2012
4. Festi tal-Lokal
5. Kwotazzjoni - Dog Litter Bins
6. Bye Laws - Ġbir ta' Skart
   - Sewqan ta' Roti
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 04/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 04/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 21c/KA1/12, 22a/KA1/12 u 22b/KA1/12 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A', 'B' u 'C').

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

3611, K774, 4121&K878 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 24/2009: Aċċessibilita' Aħjar.

| | |
|---|---|
| 3762 | Ittra mingħand il-European Cities Against Drugs rigward WeFree Days u Seminar tal-ECAD. |
| 3800, K763 & K861 | Korrispondenza mal-MEPA u MP&DC rigward ix-xogħolijiet ta' alterazzjonijiet biex il-moll ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel fi Triq Spinola jiġi aċċessibbli għal kulħadd. |
| 3803 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 27/2012 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet ta' Lifelong Learning 2012 -13. |
| 3817 & K824 | Korrispondenza rigward amendment ghall-permess tal-Quay ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel. |
| 3937 & K844 | Kont tal-ARMS tal-Pjazza Triq Ġorġ Borg Olivier u ittra lill-Awtorita' tat-Turiżmu rigward l-istess kont. |
| 3956 | Email mingħand it-Transport Malta rigward is-servizz tal-Mini Van fil-lokalita'. |
| 3975 & K868 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnaqqis mit-tielet *tranche*. |
| 4025 | Email mingħand l-Avukat Dr Stefano Filletti rigward l-applikazzjoni tal-Old Peoples' Home. |
| 4036 & K634 | Korrispondenza rigward is-saqaf tal-kmamar tas-Sajjieda li hemm f'Xatt is-Sajjieda. |
| 4039 & K640 | Korrispondenza mat-Transport Malta rigward parkeġġ fuq il-bankina quddiem ir-residenza nru. 45 Triq Qalb Imqaddsa, San Giljan. |
| 4044 | Email mingħand l-Awtorita tad-Djar rigward stedina għall-konferenza stampa għall-introduzzjoni ta' l-iskema bl-isem 'Sir Sid Darek'. |
| K719 | Ittra lill-Perit Stephen Farrugia - MP&DC rigward ammonti tal-VAT mħallsa darbtejn. |
| 4077 | Email mingħand NB Engineering Services Ltd rigward spezzjoni tal-playing fields. |

4098, K871 & K874 Korrispondenza ma' l-Awtorita' tad-Djar u mal-Perit Stephen Farrugia - MP&DC rigward Block K kantuniera ma' Triq Jean Houel.

4141 & K840 Ittra mingħand l-Awtorita' tad-Djar rigward l-iSkema 1: Upgrading of Open Areas within Housing Estates.

4144 Email mingħand is-Sur David Tortell rigward is-*sleeping policeman* li kien hemm fi Triq il-Fraxxnu kantuniera ma' Triq N. Monserrat.

4165 Email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward il-Festa tal-Lampuki.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3762

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-European Cities Against Drugs rigward il-konferenza li ser issir f'San Patrignano fl-Italja bejn l-4 u s-7 t'Ottubru, 2012. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi għal din il-konferenza għas-spejjeż tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Rif. Nru. 3800

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza mal-MEPA u MP&DC rigward ix-xogħolijiet ta' alterazzjonijiet biex il-moll ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel fi Triq Spinola jiġi aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

a) Il-MEPA aċċettat it-talba tal-Kunsill u li ser timtela l-formola tal-*UIF Funds* mill-Perit.

b) Il-Perit Stephen Farrugia ġie nnotifikat illi importanti li d-data ta' meta huwa mistenni li jitlestew ix-xogħolijiet, li ser titniżżel fuq il-formla tal-*UIF Funds* tinżamm, sabiex ma jintilfux il-fondi tal-*UIF*.

Rif. Nru. 3803

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 27/2012 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Lifelong Learning 2012-13. Ġie deċiż unanimament illi:-

1) Il-Kunsill jipparteċipa taħt din l-iskema:-

   a) Sezzjoni A - Malti, Ingliż u Somom

   b) Sezzjoni B - Franciz, Taljan, Xogħol tal-Bizzilla u l-kors qasir dwar *Energy Saving Initiatives at Home.*

2) Isir talba lil Fr. Saviour Grima sabiex il-korsijiet isiru fil-Millenium Chapel u jinforma lill-Kunsill bl-ispejjeż involuti.

Rif. Nru. 3817

2.05 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward l-emendi fil-permess tal-moll ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel. Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva ittra mingħand il-MEPA rigward xi emendi fuq permess nru. PA/02142/09 li ma gewx aċċettati. F'dan ir-rigward il-Perit Stephen Farrugia kkonferma li għal darb'oħra reġgħet saret l-applikazzjoni kif mitlub mill-MEPA għas-spejjeż tiegħu.

Rif. Nru. 3937

2.06 Saret riferenza għall-kont mingħand l-ARMS dwar id-dawl tal-Pjazza Ġuże' Tanti fi Triq Ġorġ Borg Olivier u għall-ittra li ntbagħtet lill-Awtorita' tat-Turiżmu rigward l-istess kont. Ġie deċiż unanimament illi din il-materja tiġi riferuta lill-Avukat tal-Kunsill sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

Rif. Nru. 3956

2.07 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward is-servizz tal-Mini Van fil-lokalita'. Ġie deċiż

unanimament illi ssir talba lic-Chief Executive ta' l-Arriva, is-Sur Manuel Delia, jekk jistax jiġi offrut servizz ta' *mini van* li jgħaddi minn Triq Lapsi, Triq Sant'Anglu, Triq il-Kbira, Triq il-Karmnu, Triq Sant'Elija, Telgħet B'Kara via Ta' Ġiorni u tibqa' sejra sal-Balluta. Dan minħabba li f'dawn it-toroq hemm ħafna tlajja u nżul, u l-maġġoranza tar-residenti huma anzjani.

Rif. Nru. 4025

2.08 Saret riferenza għall-email mingħand l-Avukat Stefano Filletti rigward l-applikazzjoni tal-*Old Peoples' Home*. Ġie deċiż unanimament illi, fuq rakkomandazzjoni tal-Perit Stephen Farrugia (MP&DC), l-Avukat Stefano Filletti jiġi nfurmat sabiex f'dan l-istadju din il-materja tinżamm pendenti.

Rif. Nru. 4036

2.09 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward is-saqaf tal-kmamar tas-sajjieda li hemm f'Xatt is-Sajjieda. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi t-Transport Malta rreferit dan l-ilment lill-Project Design & Implementation Department. Dan minħabba li kien sar xi xogħol fuq il-promenade mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jitlob *follow-up* ta' din il-korrispondenza lill-Perit David Vassallo.

2.10 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fl-3.55p.m.

Rif. Nru. 4039

2.11 Saret riferenza għall-korrispondenza mat-Transport Malta rigward parkeġġ fuq il-bankina quddiem ir-residenza nru. 45 Triq Qalb Imqaddsa, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi ssir rakkomandazzjoni lit-Transport Malta biex isiru żewġ *u-shape barriers* sabiex ma jibqax isir parkeġġ fuq il-bankina.

Rif. Nru. 4044

2.12 Saret riferenza għall-email mingħand l-Awtorita tad-Djar rigward stedina għall-konferenza stampa għall-introduzzjoni ta' l-iskema bl-isem 'Sir Sid Darek'. Ġie deċiż unanimament illi ssir talba biex jekk huwa possibbli jinbidel il-ħin tal-konferenza stampa.

Rif. Nru. 4077

2.13 Saret riferenza għall-email mingħand NB Engineering Services Ltd rigward spezzjoni tal-playing fields. Ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa ma' l-Ing. Nicholas Bellizzi wara l-aħħar t'Awwissu sabiex tiġi diskussa din il-materja.

Rif. Nru. 4141

2.14 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' tad-Djar rigward l-iSkema 1: Upgrading of Open Areas within Hosuing Estates. Ġie deċiż unanimament illi l-MP&DC jiġi nfurmat sabiex jipprepara d-dokument għas-seħja għall-offerti.

Rif. Nru. 4144

2.15 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur David Tortell rigward is-*sleeping policeman* li kien hemm fi Triq il-Fraxxnu kantuniera ma' Triq N. Monserrat. Ġie deċiz unanimament illi s-Sur David Tortell jiġi nfurmat illi s-*sleeping policeman* tneħħiet minħabba li kien qed jinħoloq inkonvenjent għall-pubbliku.

Rif. Nru. 4165

2.16 Saret riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward il-Festa tal-Lampuki. Ġie deċiż unanimament illi:-

a) Il-Lukandiera tal-lokalita' jiġu nfurmati b'din l-attivita' biex minn hu nteressat jieħdu sehem.

b) Il-Kunsill aċċetta li jsir il-pagament ta' €3,500 lill-MRRA bħala parteċipazzjoni f'din l-attivita'.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2012**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi r-Rapport Finanzjarju mill-1 t'April 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012 ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

4 **Festi tal-Lokal**

4.01 Iċ-Ċermen Peter Bonello ppreżenta lill-Kunsill il-Minuti 1 – Il-Festa ta' San Giljan dwar l-armar u l-purcissjoni fejn tinżżlu l-kundizzjonijiet il-ġodda għall-ħruġ tal-permessi tal-gabbani / *stands* waqt il-festa (Ara Appendici 'D').

4.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.03 Il-Kunsill qabel unanimament li bħas-snin li għaddew issir bibita għall-bandisti u l-kumitati taż-żewġt baned tal-lokal u li jiġi allokat bejn €500 u €700 għaż-żewġt baned.

4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-għada tal-festa l-amministrazzjoni tal-Kunsill ser ikun magħluq.

**5 Kwotazzjoni - Dog Litter Bins**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda tal-kwotazzjonijiet (Ara Appendiċi 'E').

5.02 F'dan l-istadju ġie deċiż unanimament illi d-deċiżjoni fuq l-għazla tal-kwotazzjonijiet tibqa' pendenti u tinħareġ sejħa oħra biex isir it-tbattil, ħasil u tindif tad-*dog litter bins*. Dan sabiex jitbattlu u jitnaddfu darba iva u darba le, u jinħaslu meta jkun hemm bżonn, iżda mhux inqas minn darba fix-xahar.

5.03 Id-deċiżjoni fuq dawn iż-żewġt kwotazzjonijiet tittiehed meta l-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa.

**6 Bye Laws**

**a) Ġbir ta' Skart**

6.01 Saret riferenza għall-emails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Bye-Laws Ġbir ta' Skart (Ara Appendiċi 'F'). Ġie deċiż unanimament illi ssir talba lill-Ministeru għat-Turizmu, l-Kultura u l-Ambjent sabiex isir *follow-up* tal-laqgħa li kienet saret, u jkun prezenti l-Avukat tal-Kunsill.

**b) Sewqan tar-Roti**

6.02 Saret riferenza għall-emails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Bye-Laws Sewqan ta' Roti (Ara Appendiċi 'G'). Ġie deċiż unanimament illi din il-materja tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill għall-azzjoni meħtieġa.

## 7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'H').

7.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3238 sa 3251 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

8.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3238 sa 3251.

8.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li sar *transfer* ta' €30,000 mill-BOV għal HSBC.

9.02 B'riferenza għal-laqgħa li saret mal-Perit tal-Kunsill nhar il-Erbgħa 4 ta' Lulju 2012, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, il-Kunsill ingħata rapport bl-aħħar informazzjoni / deċiżjonijiet li ttieħdu f'dik il-laqgħa (Ara Appendiċi 'J').

9.03 Fir-rigward il-parkeġġ (fish bone) fi Triq Andre' Maurois, is-Sindku ser jiċċekkja dwarhom u għalissa mhux ser jitneħħew.

9.04 Issir tabella fuq arblu ħdejn il-grocer fi Triq Ta' Giorni biex ma jintefax l-iskart.

9.05 Issir talba lill-Awtorita' tat-Turizmu sabiex isiru bagi n-naħa tal-Bajja tal-Balluta, minn ħdejn in-Neptunes pitch sa ħdejn il-Kamra tas-sajjieda taħt il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu.

9.06 Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur tat-tindif tat-toroq u jiġu nfurmati l-Kunsilliera biex jattendu.

9.07 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill tal-ħwienet li hemm man-naha tal-Pjazza Balluta biex jiftehmu bejnithom sabiex tinhasel il-Pjazza. Dan minħabba li l-Pjazza Balluta qed tkun mahmuġa minhabba li fil-viċinanza hemm il-ħwienet ta' l-ikel.

9.08 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 9 t'Awwissu fit-3.00pm.

9.09 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.10p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**